MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 409/1997/1

**G.L. MANUFACTURING LIMITED**

**vs**

**LIMELIGHT HOTEL LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta’ Frar, 1997, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ u tgħaddi biex tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallasha s-somma ta’ elf erba’ mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm 1475) rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ tinda kbira tal-aluminju lilha maħduma, mibjugħa u konsenjata; flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-ħlas effettiv, bl-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Marzu, 1997, li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-jedd li tikkontesta l-kawża u li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-4 ta' April, 1997, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talba attriċi m'hijiex mistħoqqa għaliex il-kumpannija attriċi ma wettqitx l-appalt mogħti lilha kif titlob is-sengħa b'mod li, minħabba f'hekk, l-eċċipjenti ġarrbet danni f'ammont akbar mill-prezz mitlub.  Minbarra dan, tgħid li, mis-somma mitluba fiċ-Ċitazzjoni, trid titnaqqas is-somma ta' ħames mitt lira Maltin (Lm 500) rappreżentanti l-prezz ta' *lift* mibjugħ u konsenjat lill-attriċi;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-kumpannija mħarrka flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata ma wettqitx l-appalt mogħti lilha skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti, u biex tagħtiha żmien biex tagħmel ix-xogħlijiet rimedjali meħtieġa taħt is-superviżjoni ta' perit maħtur mill-istess Qorti.  Talbet ukoll li l-Qorti ssib lill-kumpannija attriċi responsabbli għad-danni mġarrbin minħabba dak l-inadempiment, tillikwida dawk id-danni li jirriżultaw, u tikkundanna lill-istess kumpannija attriċi tħallasha d-danni hekk likwidati;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenzjonata fit-30 ta' April, 1997, li biha ċaħdet il-pretensjonijiet tal-kumpannija mħarrka bħala infondati, billi tgħid li hija wettqet sewwa l-appalt mogħti lilha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Mejju, 1997, li bih ħatret lil William Cassar Torreggiani bħala espert tekniku;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2003, li bih ħassret il-ħatra tal-imsemmi perit tekniku u qabbdet minfloku lill-Perit Arkitett Alan Saliba, bl-istess fakultajiet;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi perit tekniku fit-30 ta' Novembru, 2005[1], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-7 ta' Frar, 2006;

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju, 2006, li bih il-kumpannija attriċi iddikjarat li kienet toqgħod fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku fir-Relazzjoni tiegħ;

Semgħet lill-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' xogħol appaltat mibjugħ. Il-kumpannija attriċi trid li tiġbor dak li fadlilha tieħu bi ħlas mill-prezz mftiehem għal tinda mdaqqsa li waħħlet fil-lukanda mmexxijja mill-kumpannija mħarrka;

Illi, għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li m'għandha tħallas xejn kemm għaliex ix-xogħol mogħti mill-kumpannija attriċi ma kienx tajjeb u wkoll għaliex l-istess kumpannija attriċi kellha tħallasha għal kaxxa ta' *lift* li tneħħiet mil-lukanda u żammitha għaliha. F'kontro-talba li ressqet kontra l-kumpannija attriċi, l-eċċipjenti qegħda tfittex lil din għad-danni li qegħda tgħid li ġarrbet minħabba n-nuqqasijiet tal-kumpannija attriċi;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-kumpannija attriċi – li fost ix-xogħol li tagħmel hemm dak li tibni strutturi tal-aluminju – tqabbdet mill-kumpannija mħarrka biex tibnilha tinda b'qafas tal-aluminju biex jitwaħħal fuq bejt tal-bini magħruf bħala International Club Hotel, li kienet titmexxa mill-kumpannija mħarrka. Il-prezz miftiehem kien ta' sitt elef u ħames mitt lira Maltija (Lm 6,500) u t-Taxxa tal-Valur Miżjud. Mal-ftehim, il-

[1] Paġġ. 57 sa 74 tal-proċess

kumpannija mħarrka ħallset depożitu ta’ elfejn u mitejn lira Maltija (Lm 2,500). It-tinda twaħħlet fil-post. Fil-21 ta’ Frar, 1996[2], saret kitba li biha l-kumpannija mħarrka qablet li tħallas il-bilanċ ta’ erbat elef disa’ mja u ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm 4975) lill-kumpannija attriċi bi ħlasijiet ta’ ħames mitt lira Maltija (Lm 500) kull wieħed kull xahar b’effett mill-għada. Il-kumpannija mħarrka wettqet seba’ (7) ħlasijiet kull xahar. Imbagħad il-ħlas waqaf. Il-kawża nfetħet fi Frar tal-1997;

Illi l-Qorti tqis li l-kunsiderazzjonijiet ta’ natura legali li jirrigwardaw il-każ jistgħu b’ħeffa jitqassmu fuq żewġ linji ta’ ħsieb. L-ewwel waħda timxi dwar l-aspett tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet. It-tieni waħda ddur mal-aspetti tekniċi u r-riżultanzi peritali li jiddeterminaw il-kwalita’ tax-xogħol mogħti u l-ilmenti dwaru;

Illi dwar il-ftehim milħuq bejn il-partijiet, jirriżulta li dan kien prinċipalment kuntratt ta’ bejgħ, li fih il-bejjiegħ (il-kumpannija attriċi) intrabat ukoll li jistalla l-ħaġa mibjugħa. Il-kumpannija mħarrka ma tiċħadx il-ftehim, lanqas il-fatt li, wara li t-tinda kienet tqegħdet fil-post, kienet baqgħet tagħmel il-ħlasijiet ratejali miftehma. Il-kumpannija attriċi tenniet fi ftit provi dak li kienet ippremettiet fl-Att taċ-Ċitazzjoni, u żiedet tgħid li kemm-il darba kienet twegħdet mill-uffiċjali tal-kumpannija mħarrka li, meta jkollha l-flus, tħallas il-bilanċ[3]. Jirriżulta wkoll li żmien wara li t-tinda tqegħdet f’postha, il-kumpannija mħarrka għattiet is-saqaf bil-*membrane*, u, fuq ġewwa, żiedet dendlet saqaf f’għamla ta’ soffitt bid-dawl stallat fih;

Illi, minħabba li l-kumpannija mħarrka ma ippruvat bl-ebda mod twaqqa’ dawn il-fatti, l-Qorti ssib li ma tistax tagħti piż għall-allegazzjonijiet magħmulin mill-kumpannija mħarrka fl-atti tal-kawża;

Illi l-istess ħaġa tingħad dwar il-pretensjonijiet rikonvenzjonali. Il-kumpannija mħarrka qatt ma ressqet provi tul iż-żmien kollu li l-kawża kienet qegħda tinstema’ u dan mhux għax ma kellhiex aktar minn biżżejjed

[2] Dok “RA1”, f’paġ. 6 tal-proċess
[3] Xhieda ta’ George Spiteri 14.2.2005, f’paġ. 82 tal-proċess

opportunita' li tagħmel dan. Għajr għad-dikjarazzjoni mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet u mal-Kontro-Talba, minn imkien ma ħarġet xi forma ta' prova oħra dwar dak minnha allegat;

Illi, madankollu, l-akbar ċaħda tal-"provi" tal-kumpannija mħarrka toħroġ mir-relazzjoni peritali. Wara aċċertamenti fuq il-post, il-perit tekniku wasal għall-fehma sħiħa li x-xogħol mogħti mill-kumpannija attriċi kien xogħol tajjeb. Irriżulta wkoll li x-xogħol ħażin li l-kumpannija mħarrka allegat ma kien xogħol ħażin xejn. Irriżulta li dak li l-kumpannija mħarrka kienet qegħda tilminta minnu – jiġifieri li kien qiegħed jidħol l-ilma fit-tinda – ma kien xejn għajr riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni tagħha min-naħa ta' min kien qiegħed imexxi l-post fejn twaħħlet u tbagħbis mal-istruttura nnifisha li dgħajjef is-saħħa tat-tinda. Xejn minn dan kollu ma kienet taħti għalih il-kumpannija attriċi;

Illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn il-fehmiet tal-perit ġudizzjarju huma daqstant ċari u raġunati, il-Qorti m'għandha għalfejn tfittex l-ebda tifsira oħra għal dak li ġara. X'aktarx li r-raġuni vera għaliex il-kumpannja mħarrka waqfet tħallas kienet il-qagħda finanzjarja mwegħra tagħha[4];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet tas-17 ta' Marzu, 1997;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm 1475) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' tinda mibjugħa, konsenjata u stallata fi proprjeta' tal-kumpannija mħarrka, bl-imgħaxijiet legali b'seħħ mit-22 ta' Frar, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-kumpannija mħarrka billi m'huma bl-ebda mod pruvati u mistħoqqa; u

[4] Ara d-dikjarazzjoni talavukat difensur tagħha tal-21.4.2004, f'paġ. 81 tal-proċess

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas **l-ispejjeż kollha tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------